27 ta' Frar 2020

# Rapport tal-Uffiċċjal Eżekuttiv Prinċipali



*Mgarr Harbour by Joseph Caruana: Courtesy of www.visitgozo.com*

GBC

THE GOZO BUSINESS CHAMBER

## Indiċi

1. Introduzzjoni ... 2
2. Kunsill ... 2
3. Ftehim mal-Bank of Valletta plc ... 2
4. Kollaborazzjoni mal-Kumpanja E-Cubed Islands ... 2
5. Laqgħat ... 2
6. Parteċipazzjoni ... 2
7. Laqgħat / Informazzjoni għall-Membri ... 3
8. Kollaborazzjoni bejn l-MCAST u l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ... 4
9. Greening the Islands Foundation ... 4
10. Il-Proġett tal-BuS ... 4
11. Applikazzjoni taħt l-Ewwel Miżura tal-GAGF Leader Programme – "Gozo in the 21st century media" – Develop an ICT media platform for the valorisation of Gozitan lifestyle concept ... 5
12. Mina bejn Għawdex u Malta ... 5
13. Malta Business Disability Forum ... 6
14. Cork South Business Expo (18 ta' Ottubru 2019) ... 6
15. INSULEUR ... 6
16. INSULEUR Forum ... 7
17. Europe Direct Information Centre (EDIC) ... 7
18. Użu Ikbar tal-Midja Soċjali ... 8
19. Ringrazzjamenti ... 8

## 1. Introduzzjoni

Is-sena 2019 kienet waħda mpenjattiva għall-Kamra tan-Negozju għal Għawdex li rat il-Presidenza tal-INSULEUR (Insular Chambers of Commerce and Industry of the European Union) tilħaq il-qofol tagħha meta ġiet organizzata l-Assembleja Ġenerali u l-Forum hawn f'Għawdex bejn il-24 u l-25 ta' Ottubru tal-2019. Kienet sena wkoll fejn il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ipprovat timraħ f'aspetti ġodda u tkompli ssaħħaħ l-operat tagħha u tibni fuq dak li diġa sar f'dawn l-aħħar snin

## 2. .Kunsill

Matul din is-sena l-Kunsill tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ma rax tibdiliet essenzjali fil-formazzjoni tiegħu ħlief f'April ta' din is-sena meta kien hemm l-*co option* tal-Perit Edward Scerri. Il-Kunsill iltaqa' kull xahar kif stipulat skont l-istess statut tal-Kamra tan-Negozju.
.

## 3. Ftehim mal-Bank of Valletta plc

Matul din is-sena skada il-ftehim li l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex kellha mal-*Bank of Valletta.* Fit-18 ta' Diċembru saret il-laqgħa mas-Sur Mark Scicluna Bartoli u s-Sinjura Victoria Azzopardi li fiha ntalbet reviżjoni tal-istess sponsorizzazjoni. Sar ukoll ftehim fuq is-seminars li l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex torganizza f'kollaborazzjoni ma' din l-istess entita.

## 4. Kollaborazzjoni mal-Kumpanja E-Cubed Islands

Il-kollaborazzjoni bejn il-kumpanija E-Cubed Islands ta' Dr Gordon Cordina u l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex fejn din il-kumpanija tuża l-ispazju tal-Kamra, u in kambju tiġi offruta servizzi ta' konsulenza, kompla wkoll matul din is-sena. Dan issarraf f'xogħol fuq il-proġett li l-Kamra ssottomettiet bħala parti mil-Leader programme u f'xogħol ieħor relatat mal-INSULEUR fejn Dr Cordina idderieġa wieħed mill-panels u kkontribwixxa flimkien ma' impjegati tiegħu biex jiġu fformulati l-konklużjonijiet tal-INSULEUR Forum u kif ukoll biex tiġi magħmula sottomissjoni minn naħa tal-INSULEUR fuq konsultazzjoni dwar strateġija diġitali tal-Unjoni Ewropeja.

## 5. Laqgħat

Il-laqgħat li saru matul is-sena kienu dwar temi u suġġetti differenti. Waqt li ċerti suġġetti kienu ta' darba jew ta' żmien qasir, oħrajn kienu jieħdu iktar fit-tul u d-diskussjonijiet fuqhom komplew matul is-sena kollha.

Fost dawn insibu li rappreżentanti tal-Kunsill ħadu parti f'laqgħat mal-Ministeru għal Għawdex; ma' membri Maltin tal-Parlament Ewropew; kif ukoll kandidati għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew; ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropeja; ma' diversi Ministri; u anki ma' uffiċċjali governattivi.

Ir-rappreżentanti tal-Kamra attendew ukoll regolarment għal-laqgħat tal-MCESD; tal-MEUSAC; tal-*Gozo* Regional Committee; tal-*Gozo Action Group Foundation*; tal-*Joint Stakeholders Working Committee*; tal-*Monitoring Committee Operational Programme 1 u Operational Programme 2*; u tal-*Enterprise Consultative Council*. F'dawn il-fora il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex dejjem sabet għajnuna siewja minn diversi uffiċjali f'dawn l-entitajiet filwaqt li dejjem wasslet il-messaġġ tagħha favur in-negozji Għawdxin.

## 6. Parteċipazzjoni

Barra minn dawn il-laqgħat imsemmija, il-Kamra ħadet parti attiva f'diversi konferenzi, seminars u laqgħat ta' nformazzjoni organizzati minn entitajiet oħra.

Fost dawn attendejna għall-*AI in Business Summit* f'Malta, n-*National E*-invoicing *Forum*, konferenza fuq il-*homelessness* f'Għawdex, il-Konferenza tal-Kummissjoni NAT li saret f'Għawdex, il-Gozo Business Expo (fejn il-GBC kellha wkoll *stand* u tat is-sapport tagħha lill-Ministeru f'din l-inizjattiva), l-*International Day against Human Trafficking* li saret f'Għawdex, *Jum* Għawdex fil-Parlament ta' Malta. Attendejna wkoll għall-EU Funding and Training Seminar organizzat mill-MEUSAC, kif wkoll għaċ-ċerimonja tal-Għoti tal-Ġurament tas-Sindki u Viċi Sindki Għawdxin u dik tal-ftuħ tal-*Gozo Innovation Hub*. Tajna wkoll preżentazzoni lill-istudenti mill-Univerżita ta' Bournmouth, kif ukoll preżentazzjoni oħra lill-istudenti tas-*Sixth Form* f'Għawdex.

Fuq stedina tal-Ministeru għal Għawdex u tal-Eċċellenza tagħha l-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca, konna parti minn laqgħa li saret lil delegazzjoni miċ-Ċina f'Għawdex, kif ukoll ressaqna numru ta' imprendituri biex jiltaqgħu ma' negozjanti oħra Ċiniżi f'laqgħa li saret apposta għalihom fil-Palazz ta' Sant Anton nhar il-Ġimgħa 8 ta' Marzu.

Kellna wkoll l-opportunita li membru tagħna jipparteċipa bħala kelliem fl-AI in Business Summit li ġie organizzat fil-*Gozo Innovation Hub* f'Għawdex biex jagħti wkoll il-perspettiva tal-membri tagħna f'dan il-qasam.

Bħal fis-snin l-imgħoddija l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex tat ukoll il-kontribut siewi tagħha għall-organizzazjoni tas-*Summer School* minn naħa tal-OTIE (Observatory on Tourism in the European Islands) li saret fl-Institute of Tourism Studies (ITS) fil-Qala. It-tema ta' din is-sena kienet titratta 'Islands Event Management'. Il-Kap Eżekuttiv Prinċipali, Daniel Borg, ta wkoll preżentazzjoni fuq it-turiżmu f'Għawdex. Il-Kamra għenet ukoll biex tiġi organizzata ġita kulturali għall-istess studenti, filwaqt li l-President tal-Kamra, Joseph Borg ipparteċipa għall-preżentazzjonijiet tal-proġetti tal-istudenti li ħadu sehem f'din is-*Summer School*.

Matul din is-sena il-Kap Eżekuttiv Prinċipali fuq stedina tas-Sur Paul Curmi żar id-*Document Management Centre tax-Xewkija* fejn wieħed seta' jara x-xogħol tajjeb imwettaq minn din l-entita f'din in-niċċa partikulari, kif ukoll l-involviment tagħhom ta' persuni b'diżabilita u bżonnijiet speċjali. Wieħed seta' jinnota bi pjaċir li sussegwentament Maltapost issieħbu wkoll bħala parti mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex.

Hawn ta' min jirringrazzja lil dawk il-membri tal-Kunsill tal-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-laqgħat, attivitajiet, u inizjattivi.

## 7. Laqgħat / Informazzjoni għall-Membri

Il-membri tagħna bqajna nżommuhom infurmati billi kontinwament għaddejnielhom tagħrif li aħna nirċievu regolarment.

Barra minn hekk, matul is-sena organizzajna diversi seminars, konferenzi u laqgħat ta' nformazzjoni. Dawn kienu organizzati flimkien ma' diversi Ministeri u entitajiet oħra pubbliċi kif ukoll mal-isponsor tagħna l-Bank of Valletta. Il-Laqgħat organizzati kienu dawn segwenti:

- "**Measures regarding the online submission of VAT for all the companies and sole proprietors employing 10 or more employees, and FSS end of year online submission for employers employing 10 or more employees."** Dan kien it-titlu tal-ewwel *information seminar* organizzat mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, nhar il-Ġimgħa 25 ta' Jannar fl-uffiċini tal-Kamra.
- **Strengthening Our Labour Market**. Din kienet sessjoni ta' nformazzjoni organizzata f'kollaborazzjoni ma'Jobsplus nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju fuq it-tibdiliet li daħlu fl-*Employment and Training Services Act*. Il-laqgħa kienet inidirizzata minn Mario Xuereb, (Head tal-*Employment Services Division*).
- **Financing Gozitan Business to Prosper**. L-ewwel *information seminar* f'kollaborazzjoni mal-*Bank of Valletta* għal din is-sena sar fil-5 ta' Lulju fl-*Institute of Tourism Studies* (ITS) fil-Qala bis-sehem tal-Malta Development Bank (MDB). Kelliema ewlenin kienu Joseph Darmanin, Chief Business Development Officer, u Maria Xuereb, Chief Credit Business Officer, kif ukoll Alfred Buhagiar, Executive SME Finance tal-Bank of Valletta. Waqt li l-

ufficċjali tal-MDB iddiskutew it-tħaddim tal-*Malta Development Guarantee Schemes*, is-Sur Buhagiar ipprovda eżempji prattiċi kif negozji żagħar u medji jistgħu jagħmlu użu minn skemi maħruġin mill-Bank u li jibnu fuq il-garanziji maħruġin mill-MDB biex ikollhom aċċess għal riżorsi finanzjarji.

- **Tax Incentives – Corporate and Personal Pensions**. Dan kien it-titlu tat-tieni seminar organizzat fis-26 ta' Settembru b'kollaborazzjoni mal-Bank of Valletta. Il-Kelliema prinċipali għal dan is-seminar kienu David Spiteri Gingell li qed imexxi l-kampanja edukattiva finanzjarja 'Ġemma' u, Mario Farrugia, *Head Bancassurance* tal-Bank of Valletta. David Spiteri Gingell spjega l-qafas tal-pensjonijiet, kif ukoll l-importanza ta' skemi ta' pensjonijiet volontarji u l-benefiċċji li dawn ikunu offruti minn kumpaniji privati lill-ħaddiema tagħhom. Dan is-seminar intlaqa' tajjeb ħafna, tant li din is-sena se jkun hemm *follow-up* fuqu.
- **Youths 4 Entrepreneurship**. Għal dan l-avveniment li sar fil-15 ta' Novembru ikkollaborajna mal-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, bħala parti mill-attivitajiet tal-*SME week*, kif ukoll mal-*Europe Direct Information Centre* (EDIC) fi ħdan l-istess Kamra tan-Negozju. Żgħażagħ bejn it-18 u t-30 sena kellhom l-opportunita li jippreżentaw ideja innovativa li għandha x' taqsam ma' Għawdex quddiem *panel* ta' esperti. L-iskop kien li l-Kamra tinkoraġixxi iktar żgħażagħ li jaqbdu t-triq tan-negozju u li dan jista' jseħħ f'Għawdex.

Ninnotaw b'sodisfazzjon li kull attività li organizzajna ġiet milqgħuha tajjeb mill-komunità kummerċjali Għawdxija.

Apparti l-attivitajiet organizzati mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex wieħed irid jgħid ukoll li l-Kamra kkoperat ukoll ma' entitajiet oħra biex negozjanti Għawdxin ikollhom servizz aħjar f'oqsma oħra. Dan kien il-każ per eżempju tal-iżviluppaturi, fejn il-Kamra offriet l-uffiċini tagħha biex nhar it-Tlieta 6 ta' Awissu żviluppaturi li jaħdmu fit-twaqqiegħ, skavar, u kostruzzjoni, jirreġistraw permezz tal-*Malta Developers Association*, mal-*Building Regulations Unit.* Din l-għajnuna ngħatat b'xejn minn naħa tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, biex negozjanti Għawdxin ikunu jistgħu jinqdew aħjar mingħajr ma jkollhom bżonn joqogħdu ġejjin u sejrin lejn Malta fuq sempliċi reġistrazzjoni.

## 8. Kollaborazzjoni bejn l-MCAST u l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex

F'Novembru tal-2019 saret laqgħa bejn rappreżentanti tal-MCAST u dawk tal-Kamra tan-Negozju fuq kif jista' jkun hemm kollaborazzjoni aħjar bejn iż-żewġ entitajiet. It-temi diskussi kienu:

- L-possibilita li jsir *post secondary tracer study*, jiġifieri biex naraw l-istudenti Għawdxin x'qed jagħmlu u x'korsijiet qed jieħdu wara li jlestu l-iskola obbligatorja, u eventwalment x'opportunitajiet ta' xogħol qed isibu;
- Korsijiet prospettivi li jistgħu jsiru f' Għawdex; u
- Kollaborazzjoni futura bejn l-MCAST u l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex fuq il-*Youths 4 Entrepreneurship – Gozo*.

## 9. Greening the Islands Foundation

Il-Kamra tan-Negozju kienet strumentali biex matul l-2019 titwaqqaf f'Għawdex il-*Greening the Islands Foundation*, u biex ukoll jintlaħaq ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-istess Fundazzjoni biex jibda rapport ta' kollaborazzjoni li għandu jwassal biex isiru diversi inizzjattivi favur is-sostenibilta f'Għawdex u biex anke kumpaniji nternazzjonali barranin jinvestu f'inizjattivi favur is-sostenibilta f'Għawdex. Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex kompliet tiffaċilita dawn il-laqgħat matul l-2019.

## 10. Il-Proġett tal-BuS

Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ħadet sehem attiv fil-proġett tal-BuS jew *Building Up Green Skills for Trainers from the Construction Industry*, flimkien mal-*Malta Intelligent Energy Management Agency*, li issa wasal biex jingħalaq. L-iskop ewlieni ta' dan il-proġett kien li wieħed jibni ħiliet fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-*green energy* relatati mas-settur tal-kostruzzjoni. Il-Kamra tan-

Negozju għal Għawdex ikkollaborat fuq dan il-proġett li wassal għal formulazzjoni ta' manwal għal dawk li jaħdmu fit-taħriġ ta' ħaddiema tal-kostruzzjoni. Il-Kamra kellha sehem attiv billi permezz tat-teżorier Anthony Bezzina ħadet sehem f'laqgħat li saru f'Lisbona fil-Portugall (5 sa 9 ta' Frar 2019), Firenze (7 sa 10 ta' Mejju 2019), u f' Valencia (16 – 17 ta' Settembru 2019). Fl-aħħar tal-2019 inbeda wkoll il-proċess biex jiġu validati żewġ *modules* minn esperti li tqabdu apposta.

Bħala parti minn dan il-proġett fl-10 ta' Ġunju 2019 sar *seminar* ta' informazzjoni fuq l-importanza tal-VET (Vocational Education and Training). Preżentazzjonijiet fuq is-suġġett saru minn Mariangela Luceri (Project Manager MIEMA), Dr Ing. Stephen Abela (University of Malta), Perit Erika Massa, Vicky Xuereb (Director Eco Gozo Regional Development), Perit Julian Borg (MCAST), u Charles Dingli (Jobsplus)

## 11. Applikazzjoni taħt l-Ewwel Miżura tal-GAGF Leader Programme – "Gozo in the 21st century media" – Develop an ICT media platform for the valorisation of Gozitan lifestyle concept

Fil-bidu ta' din is-sena l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex tefgħet l-ewwel applikazzjoni taħt dan il-proġett. Din l-applikazzjoni saret bl-għajnuna tal-MEUSAC u Dr Gordon Cordina. Minħabba li ċerta dokumentazzjoni neċessarja ma ġietx mogħtija mill-imsieħba f'dan il-proġett, l-applikazzjoni waqgħet. Il-Kamra għalhekk iddeċidiet li terġa tirrivaluta l-applikazzjoni tagħha. Wara diversi laqgħat u wara li ġew ukoll iċċarati xi punti minn naħa tal-entita li tmexxi l-fondi, permezz ta' kjarifika li ntbagħtet mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, il-Kamra iddeċidiet li dan il-proġett ma kienx fattibli biex il-Kamra tkun il-*Lead Partner* f'dan il-proġett. Meta l-Kamra mbagħad ġiet avviċinata minn Harbour Solutions Ltd, ġie deċis li l-Kamra tidħol bħala imsieħba f'dan il-proġett. Jekk jiġi aċċettat, ir-rwol tal-Kamra tan-Negozju se jkun li torganizza numru ta' attivitajiet fuq perijodu ta' snin.

## 12. Mina bejn Għawdex u Malta

Dan is-suġġett kompla jiġi diskuss tul l-2019. Matul din is-sena l-Kamra tan-Negozju pparteċipat f'dibattitu organizzat minn Wirt Għawdex fit-18 ta' Marzu 2019. Ġew mogħtija wkoll intervisti fuq il-karta stampata, kif ukoll fuq programm li deher barra minn Malta fuq ARTE TV. Matul il-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret fi Frar tas-sena l-oħra saret ukoll preżentazzjoni minn Dr Franco Mercieca (*Chairman Steering Committee – Gozo – Malta tunnel*) u Inġinier Fredrick Azzopardi, CEO ta' Infrastructure Malta. Inħarġu wkoll diversi stqarrijet, waħda b'reazzjoni għall-mozzjoni mressqa mill-Gvern rigward il-konnettivita bejn iż-żewġ gżejjer, u l-oħra bħala reazzjoni għall-istqarrija tal-Partit Demokratiku dwar il-mina bejn Għawdex u Malta.

Reġa' ġie ffurmat ukoll is-sottokumitat tal-*Permanent Link* bejn Għawdex u Malta. Dan ġie ffurmat hekk:

- Joseph Borg, President tal-Kamra tan-Negozju;
- Michael Galea, Viċi President tal-Kamra;
- Daniel Borg, CEO tal-Kamra;
- Ruben Curmi, Membru
- Euchar Vella, Membru
- Dr Michael Caruana, Membru
- Dr Jonathan Mintoff, Membru
- Dr Simon Mizzi, Membru
- Andrew Zammit, Membru
- Michael Grech, Membru
- John Magro, Membru

Il-Kumitat iltaqa' tlett darbiet: fit-22 ta' Mejju; fis-19 ta' Ġunju, u fis-26 ta' Ġunju.

## 13. Malta Business Disability Forum

Matul din is-sena il-Kamra ġiet mistiedna biex tkun parti mill-*Malta Business Disability Forum*. Il-Kamra hija l-unika entita Għawdxija li qed tipparteċipa f'dan il-Forum. Apparti l-laqgħat li pparteċipat fihom, fit-18 ta' Diċembru il-Kamra ffirmat *Memorandum of Understanding* flimkien ma' entitajiet oħra u l-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita.

L-għan tal-*Malta Business Disability Forum* hu li joffri pjattaforma ta' diskussjoni biex jitjieb id-djalogu bejn entitajiet fin-negozju, fis-settur soċjali u fil-qasam tad-diżabilita, kif ukoll jindirizza problemi u titjieb l-aċċessibilta għall-persuni b'diżabilta. B'hekk l-isforzi li jsiru bejn id-diversi entitajiet ma jiġux idduplikati.

## 14. Cork South Business Expo (18 ta' Ottubru 2019)

Fuq stedina tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex permezz ta' Marie Grech u Dr Jonathan Mintoff ipparteċipat fil-*Cork South Business Expo* fl-Irlanda. Matul din il-laqgħa kien hemm l-oppotunita li jsiru laqgħat mal-Ambaxxatur Malti s-Sur Leonard Sacco u mal-Konslu Malti għall-*Cork* John Minihan. Saret ukoll laqgħa mal-Kamra tan-Negozju ta' Cork, il-*Cork Business Association* u *l-Little Island Business Association.* Dr Jonathan Mintoff ta wkoll preżentazzjoni fuq il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex u l-opportunitajiet li jeżistu f'Għawdex.

## 15. INSULEUR

Il-Kamra kompliet tipparteċipa fil-laqgħat tal-INSULEUR. Minħabba li bħalissa il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex għandha wkoll il-Presidenza tal-INSULEUR, il-Kamra ipparteċipat f'diversi laqgħat barra minn Malta. Ta' min isemmi li bħalissa l-President tal-Kamra Joseph Borg qed jokkupa l-kariga ta' President tal-INSULEUR, filwaqt li l-Viċi President tal-Kamra, Michael Galea qed jokkupa l-kariga ta' Viċi President tal-INSULEUR. Il-laqgħat li fihom irrapreżentajna lill-INSULEUR kienu dawn:

- Fit-30 ta' Jannar 2019 Joseph Borg u Michael Galea attendew għal laqgħa tal-membri ta' Eurochambres fi Brussell. Din il-laqgħa ssejħet biex tiddiskuti b'mod speċifiku l-futur tal-organizzazjoni. L-għada huma kellhom ukoll laqgħa mportanti ma' Arnaldo Abruzzini, CEO ta' Eurochambres fejn ġie diskuss l-involviment ta' INSULEUR f'Eurochambres, kif ukoll kif Eurochambres tista' tikkontribwixxi biex tmexxi 'l quddiem l-interessi tal-gżejjer;
- Fil-5 ta' April Joseph Borg u Daniel Borg attendew għall-Assemblea Ġenerali tal-INSULEUR, kif ukoll għall-*Public Hearing* intitolat 'Are European Policies suitable to help doing business on small islands' organizzat mill-European Economic Social Committee, INSULEUR u ESIN. Matul din il-laqgħa Joseph Borg ta wkoll preżentazzjoni fuq *Access to Finance for Insular SMEs*.
- Fis-16 u s-17 ta' April Daniel Borg irrapreżenta lil INSULEUR f'laqgħa Marsilja "*Strengthening the Science-Practice-Policy-Interface in Blue Growth*". Matul dan l-avveniment saru diversi preżentazzjonijiet fuq diversi proġetti relatati mal-*Blue Economy*, jew l-ekonomija marittima.
- Fit-28 u d-29 ta' April Joseph Borg u Michael Galea pparteċipaw għall-*Conference of Peripheral Maritime Regions Islands Commission Annual General Meeting & Thematic Seminar Post-2020 Cohesion Policy* li saret f'Corfu. Matul din il-laqgħa Joseph Borg indirizza wkoll il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Corfu.
- Fis-6 ta' Ġunju, Joseph Borg u Michael Galea attendew għat-3rd *Transnational Networking Workshop* tal-proġett INNOVAGRO f'Chios fil-Greċja. L-iskop ta' dan il-proġett hu li jiżviluppa netwerk ta' innovazzjoni għall-kumpaniji fis-settur agro alimentari fir-reġjun tal-madwar il-baħar Adrijatiku u dak Ioniku.
- Fit-18 ta' Ġunju Michael Galea fi Brussell irrapreżenta lill-INSULEUR f''EU Islands at the Forefront of Energy Transition & Decarbonisation of Economies' organizzat mis-CPMR Islands Commission, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-*Greening the Islands*. Hu ħa sehem fid-dibattitu ta' kif id-*decarbonisation* tista' toffri opportunita għall-ekonomija u l-impjiegi fil-gżejjer.
- F'Settembru Michael Galea irrapreżenta lill-INSULEUR fil-*Eurochambres Affiliated and Correspondent Members Committee Meeting* f' Kiev.

- Fil-15 ta' Ottubru Joseph Borg irrappreżenta lill-INSULEUR fil-konferenza nternazzjonali "Making the circular economy and sustainable tourism a reality on islands: business models and financing opportunities" li saret f' Palermo. Joseph Borg tkellem fil-*panel* li ddiskuta l-GTI *observatory report* tal-iżvilupp tal-gżejjer.

Minbarra attendenza f'laqgħat ix-xogħol tal-INSULEUR kien jirrikjedi wkoll diversi xogħol ta' korrispondenza, analiżi ta' dokumenti, u kkordinazzjoni ta' diversi ħidmiet li lkoll tmexxew fi ħdan l-uffiċċju tal-istess Kamra.

## 16. INSULEUR Forum

Żgur li l-qofol tal-ħidma ta' din is-sena kienet l-Assembleja Ġenerali u l-Forum li saru f'Għawdex bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru. Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ħadmet f'kull qasam biex din l-Assembleja Ġenerali u l-Forum ikunu suċċess. Dan irrikjeda ħafna xhur ta' preparazzjoni minħabba li l-Uffiċju tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex kien responsabbli wkoll għall-loġistika relatata mall-avveniment li sar fuq erbat ijiem, minħabba li fit-23 ta' Ottubru d-delegati intlaqgħu hawn Għawdex, u fis-26 ta' Ottubru saret ukoll ħarġa kulturali. Is-sapport finanzjarju tal-Ministeru għal Għawdex kien essenzjali biex din l-attivita setgħet isseħħ. Il-Kamra ingħatat ukoll is-sapport tas-sinjura Sylvia Gauci permezz tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

It-temi diskussi fl-Assemblea Ġenerali kienu varji u kienu jitrattaw: L-VAT fil-gżejjer u l-problema tal-migrazzjoni. Imma żgur li l-qofol kienet id-diskussjoni fuq *paper* ifformulata minn Dr Gordon Cordina fuq l-għajnuna statali, prinċipalment id-*DeMinimis* fil-gżejjer. Din il-*paper* saret fuq inizjattiva tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex u se tkompli tiġi diskussa biex eventwalment tiġi mibgħuta lill-Istituzzjonijiet Ewropej.

Minn naħa l-oħra l-Forum iffoka fuq it-tema tad-*Digital Transformation of Europen Islands*. Kien hemm ħafna aspetti mportanti li ġew trattati, kif ukoll kelliema ta' kalibru minn istituzzjonijiet importanti bħal *Eurochambres* li għenu biex din l-inizjattiva tgħolli l-profil tal-INSULEUR. Matul il-Forum kien hemm ukoll l-opportunita li wieħed jara kif pajjiżi u gżejjer żgħar oħra qed jużaw id-diġitalizzazjoni biex jegħlbu d-diffikultajiet tagħhom. Dan il-Forum serva wkoll ta' vetrina għall-Għawdex minħabba li saru wkoll *site visits* li juru kif Għawdex minkejja ċ-ċokon u l-isfidi li għandu kapaċi jegħleb dawn id-diffikultajiet. Ta' min jgħid li għall-Forum tal-INSULEUR kien hemm 36 delegat barrani.

## 17. Europe Direct Information Centre (EDIC)

Matul is-sena saru l-attivitajiet kollha previsti mill-kuntratt fejn l-ikbar attività kienet dik organizzata biex tfakkar Jum l-Ewropa. Din saret fil-Villa Rundle u kienet suċċess.

Din kienet sena ntensiva ħafna għall-EDIC minħabba l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. B'kollox saru dawn l-attivitajiet:

- **This Time I'm voting. EU – Come and Share and your Thoughts.** Din kienet ġurnata sħiħa organizzata mill-uffiċċju tal-EDIC fejn in-nies kellha l-opportunita li tieħu ritratt ma' prijorita tal-Unjoni Ewropeja permezz ta' *hashtag* u tittegja l-paġna ta' facebook u b'hekk tidħol b'opportunita li tirbaħ *tablet*.
- **EU & Me Empowering Youths**. Dawn kienu żewġ avvenimenti li seħħew fis-sixth Form u l-MCAST biex javviċinaw liż-żgħażagħ lejn l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, kif ukoll jagħmluhom iktar konxji minn karrieri fl-Unjoni Ewropeja**.**
- **What Europe Does for Me – Why should I vote?** F'dan l-avveniment dawk li attendew kellhom l-opportunita li jiddisukutu ma' numru ta' kandidati għall-Parlament Ewropew.
- Sar ukoll **djalogu fuq l-ambjent ma' Joanna Drake**. Dan sar fl-uffiċini tal-Kamra tan-Negozju u l-attendenza kienet waħda tajba ħafna.
- **Back to School Activity.** F'din l-attivita li saret fil-bidu tas-sena skolastika, il-Kap tar-rappreżentenza tal-Kummissjoni Ewropeja hawn Malta Dr Elena Grech kelmet lill-istudenti fuq ir-rwol tal-istituzzjonijiet Ewropej u xi tfisser tkun ċittadin Ewropej.

- **EDIC-Gozo Award Scheme**. F'din l-inizjattiva li tiġi organizzata kull sena permezz tal-*LEAF u l-ECO schools*, skejjel primarji u sekondarji kellhom l-opportunita li jiżviluppaw proġett**,** fuq kif jeliminaw *single use plastics***,** u kif jinkoraġixxu konsum responsabbli fid-djar rispettivi tagħhom**.** Fl-aħħar avveniment li sar fil-*middle school* l-istudenti kellhom jagħtu nformazzjoni fuq il-proġetti rispettivi tagħhom.

L-uffiċċju tal-EDIC ikkolabora wkoll mal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex fuq il-*Youths for Entrepreneurship Award*.

L-uffiċċju pparteċipa u kkolabora wkoll f'dawn l-inizjattivi: seminar organizzat fuq il-*European Social Pillar of Social Rights*, *Transnational meeting fi Trapani* biex jiddiskuti l-problemi taċ-ċittadini Ewropej, *EU Funds Information Seminar*, *EU & Me Student Roadshow,* l-INSULEUR, l-laqgħa ġenerali annwali tal-EDIC, s-*sixth Form Fresher's Day*, s-*sixth Form Day*, u l-*EU Funding Opportunity Business Breakfast*.

Ir-rwol tal-EDIC fi ħdan il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex juri l-impenn tal-Kamra għall-inizjattivi favur is-soċjeta Għawdxija.

## 18. Użu Ikbar tal-Midja Soċjali

Din is-sena għamilna sforz qawwi biex bħala Kamra tan-Negozju għal Għawdex nużaw iktar il-midja soċjali. Dan għaliex fis-soċjeta tal-lum huwa mportanti li l-Kamra turi iktar il-viżibilta tagħha u tinforma iktar lill-komunita kummerċjali kif ukoll is-soċjeta Għawdxija dwar id-diversi avvenimenti li torganizza.

Matul din is-sena nfatt kellna 289 like ġodda, kif ukoll in-numru ta' *engagements* mal-*posts* tagħna kienu ta' 12,230. *Engagement* ifisser li l-persuna tagħmel *like, comment*, jew *share* ta' kwalunkwe post li tittella' fuq il-*facebook* tal-*GBC.*

## 19. Ringrazzjamenti

Nixtieq nieħu din l-okkażżjoni biex, f'isem il-membri kollha, nirringrazzja b'mod speċjali lil dawk il-persuni li jiffurmaw il-Kunsill, għax-xogħol u l-ħin li jagħtu biex il-Karmra tan-Negozju għal Għawdex tkun tista' timxi 'l quddiem.

Il-grazzi tagħna tmur ukoll:

- lill-Prim Ministru u d-diversi Ministri li kellna kuntatt magħhom matul is-sena u li dejjem sabu ħin u taw widen għalina, Il-Ministru għal Għawdex preċedenti Dr Justyne Caruana tas-sapport tagħha lill-ħidma tal-Kamra; u lill-Ministru għal Għawdex preżenti l-Onorevoli Clint Camilleri;
- lill-isponsors tagħna, il-Bank of Valletta u Melita plc;
- lis-Sur Joe Cordina, l-Awditur tal-Kamra;
- lis-Sur John Borg, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex;
- lis-Sinjura Esther Bajada, Direttur, fid-Direttorat tat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku fil-Ministeru għal Għawdex bejn l-2013 u l-2019;
- lill-Dr Gordon Cordina tal-għajnuna li dejjem tana kull meta kellna bżonn;
- lill-istaff kollu tal-Kamra għax-xogħol siewi li jagħmlu;
- kif ukoll lill-membri tal-Kamra għall-kooperazzjoni tagħhom u l-fiduċja li juru fina.

Nieħdu wkoll din l-opportunita biex minn hawn nifirħu lil Ronald Sultana li ġie maħtur Direttur għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkhom.

Daniel Borg
Kap Eżekuttiv Prinċipali